

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Il-Vittmi Ta' Delitti \(għalkemm Hawnhekk Tista' Tfisser Ukoll Tal-kriminalità\)](#)  
> [Drittijiet Tal-vittmi - Skont Il-pajjiż](#) > [Romania](#)

## Drittijiet tal-vittmi - skont il-pajjiż

Il-kontenut ipprovdut  
minn  
Rumanija

Rumanija



Inti titqies bħala l-vittma ta' reat fil-każ li tkun ġarrabt offiża ta' kwalunkwe tip, inkluż ħsara fuq il-persuna, dannu mentali, diffikultà emozzjonali jew telf finanzjarju, b'konsegwenza ta' inċident li jikkostitwixxi reat skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli. Il-membri tal-familja ta' xi ħadd li jkun miet b'riżultat ta' reat u li jkunu ġarrbu offiża minħabba l-mewt ta' dik il-persuna jitqiesu wkoll bħala vittmi ta' reat.

Bħala vittma ta' reat, għandek ċerti drittijiet legali, qabel, matul u wara l-proċedimenti kriminali.

L-istadji tal-proċedimenti kriminali fir-Rumanija huma: il-prosekuzzjoni, l-awla preliminari, il-proċess u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet f'materji kriminali li jkunu saru definittivi. Matul l-investigazzjoni kriminali, il-korpi tal-investigazzjoni kriminali, taħt is-superviżjoni tal-prosekutur pubbliku, jinvestigaw il-każ, u jiġbru l-evidenza sabiex isibu lit-trażgressur. Fit-tmiem tal-investigazzjoni kriminali, il-pulizija tirreferi l-każ lill-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku, bl-informazzjoni kollha u l-evidenza miġbura fl-atti. Wara li jirċievi l-atti, il-prosekutur tal-każ jeżamina l-każ u jiddeċiedi jekk għandux jipproċedi għall-proċess jew jekk il-każ għandux jingħalaq.

Ladarba l-każ jasal quddiem il-qorti, il-bord tal-imħallfin jeżamina l-fatti u jisma' lill-persuni involuti sabiex tiġi stabbilita l-ħtija tal-akkużat. Ladarba jiġi stabbilit li l-akkużat ikun ħati, dan jingħata s-sentenza. Fil-każ li l-qorti tikkunsidra li l-akkużat ma jkunx ħati, dan jiġi lliberat.

Ikklikkja fuq il-links ta' hawn taħt sabiex issib l-informazzjoni li teħtieġ:

[1 Iddrittijiet tiegħi bħala vittma ta' reat](#)

[2 Irrappurtar ta' reat u drittijiet tiegħi waqt l-investigazzjoni jew il-proċess](#)

[3 Iddrittijiet tiegħi wara l-proċess](#)

[4 Kumpens](#)

[5 Iddrittijiet tiegħi għallappoġġ u għallassistenza](#)

L-aħħar aġġornament: 08/07/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.